KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.1.2007
KUMM(2006) 819 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Pjan ta' azzjoni għall-kapaċità, l-effiċjenza u s-sikurezza ta' l-ajruporti fl-Ewropa**

{SEG(2006) 1686}
{SEG(2006) 1687}

## KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

### Pjan ta' azzjoni għall-kapaċità, l-effiċjenza u s-sikurezza ta' l-ajruporti fl-Ewropa

(1) Il-liberalizzazzjoni tas-settur tat-trasport bl-ajru Ewropew hija **suċċess** mill-kbarnett: it-traffiku ta' l-ajru kiber bi tliet darbiet bejn l-1980 u l-2002. Bejn l-1992 u l-2005 l-għadd ta' rotot intra-UE kiber b'150%. Iċ-ċittadini Ewropej issa jistgħu jgawdu minn firxa diversifikata bi prezz għall-but ta' kulħadd.

Ittieħdu miżuri konkreti mill-Komunità Ewropea sabiex **jiġi sostnut** dan it-tkabbir filwaqt li jinżamm livell għoli ta' sikurezza u effiċenzja.

- L-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni (EASA) inħoloqt fl-2002 sabiex jiġu rrazzjonalizzati l-attivitajiet Ewropej fil-qasam li jikkonċerna l-kundizzjonijiet li bihom l-ajruplani jkunu xierqa għat-tajran;
- Il-pakkett leġiżlattiv ta' l-Ajru Uniku Ewropew, adottat fl-2004, għandu l-għan li jirriforma b'mod komprensiv is-settur tal-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru, bil-ħsieb li jiżdiedu s-sikurezza u l-effiċjenza ta' l-ajru Ewropew.

(2) Jekk it-talba għat-traffiku bl-ajru tkompli skond il-bixriet ta' bħalissa, din se tirdoppja fi żmien 20 sena. Dan ovvjament se jkollu implikazzjonijiet ambjentali serji Il-Kummissjoni qed tindirizza din il-kwistjoni b'sensiela ta' inizjattivi maħsuba biex jinternalizzaw l-ispejjeż esterni tat-trasport u biex inaqqsu l-kontribut tat-trasport bl-ajru lill-effett serra.

L-eżami ta' nofs it-terminu tal-*White Paper* tal-Kummissjoni dwar it-Trasport (2001)[1] tagħraf li huma meħtieġa miżuri biex jitnaqqsu l-effetti ambjentali negattivi kkawżati mit-traffiku li qed jiżdied b'rata mgħaġġla. L-għan ta' dan id-dokument huwa li l-infrastruttura eżistenti tintuża bl-aħjar modi possibbli, jiġi promoss l-użu ta' żviluppi teknoloġiċi, tittejjeb is-sikurezza u l-effiċjenza, u meta meħtieġ, jitfassal aħjar il-qafas ta' l-ippjanar għall-infrastruttura ġdida.

(3) F'soċjetà moderna, **il-konnettività** hija l-bażi għall-kompetittività ekonomika, il-koeżjoni soċjali u kulturali u l-iżvilupp kulturali. Bħala konsegwenza, id-domanda dejjem tikber għat-trasport u l-ivjaġġar bl-ajru mhix biss xprunata mill-ħtiġijiet ekonomiċi u kummerċjali tal-globalizzazzjoni, iżda wkoll mill-istandards soċjali u kulturali li qegħdin dejjem jevolvu.

(4) Wara l-liberalizzazzjoni tas-suq tat-trasport bl-ajru bil-ħolqien tas-suq intern u wara li indirizzat "is-saturazzjoni tas-smewwiet" permezz ta' l-inzjattiva ta' l-Ajru Uniku Ewropew, il-Kummissjoni issa sejra tiffoka fuq l-ajruporti. Il-kapaċità mhix se tkun tista' tilqa' għad-domanda, u hemm is-sogru li ssir l-aktar fattur li **jillimita** t-trasport bl-ajru. Din hija l-ħolqa l-aktar dgħajfa u l-effett tagħħha jgħaddi għall-ħoloq l-oħra

[1] KUMM(2006) 314.

tal-katina kollha kemm hi tat-trasport ta' l-ajru u jhedded l-effiċjenza tagħha. Minħabba li t-trasport bl-ajru jitqies bħala 'mutur' għat-tkabbir ekonomiku, dan imbagħad jista' jxekkel il-kompettittività kumplessiva ta' l-ekonomija Ewropea.

(5) L-ajruporti huma ta' **importanza ekonomika** sinifikanti, fuq skala sew lokali sew globali. Filwaqt li l-operaturi ta' l-ajruporti Ewropej jimpjegaw direttament xi 120 000 impjegat sabiex iservu 580 miljun passiġġier fis-sena, l-impjiegi totali fuq il-post tal-kumpaniji ta' l-ajru, tal-manutenzjoni, kejtering, bejgħ mill-ħwienet, u kontroll tat-traffiku ta' l-ajru jgħoddu għal madwar 1.1 miljun ħaddiem.

> Is-settur ta' l-ajruporti joħloq direttament medja ta' 925 impjieg għal kull miljun unità ta' xogħol.[2]. Għal 31% mill-kumpaniji, il-qrubija ma' ajruport ewlieni hija **fattur ewlieni li jiddetermina fejn ikun jinsab** l-impjant ta' manifattura. Għas-servizzi tal-banek u l-assigurazzjoni, it-trasport ta' l-ajru jgħodd għal 50% mit-domanda totali għat-trasport[3].
>
> B'hekk industrija effiċjenti tat-trasport ta' l-ajru tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' l-aġenda ta' Liżbona.

## 1. IL-KRIŻI MISTENNNIJA FIL-KAPAĊITÀ

(6) Il-kapaċità ta' l-ajruporti hija funzjoni ta' l-infrastruttura sew tar-***runway*** **sew ta' l-infrastruttura fuq l-art.** Il-kapaċità tar-*runway* tikkorrispondi għall-għadd massimu ta' ajruplani li jinżlu u/jew jitilqu, filwaqt li jitqies xkiel fiżiku li jkollu impatt fuq is-sikurezza, bħall-vortiċi fit-taqlib ta' l-arja tat-tranja. Il-kapaċità ta' l-infrastruttura fuq l-art tikkorrispondi għat-tqassim fiżiku tat-terminals (postijiet għall-parkeġġ u l-*gates* minn fejn jittellgħu l-passiġġieri, eċċ.) u l-effiċjenza tal-ġestjoni tagħhom.

(7) Minħabba l-evoluzzjoni mistennija tat-traffiku, l-Ewropa sejjra tħabbat wiċċha ma' **qabża dejjem tikber**[4] bejn il-kapaċità u d-domanda Din tissejjaħ "il-kriżi tal-kapaċità". Jekk ma jiżdidux drastikament il-livelli tal-kapaċità, huwa stmat li 'l fuq minn 60 ajruport se jkunu maħnuqa bit-traffiku u l-ewwel 20 ajruport se jkunu mimlija żżejjed għal mill-inqas 8-10 sigħat kuljum sa l-2025.

(8) Konġestjoni bħal din x'aktarx ikollha impatt iebes għall-aħħar fuq il-ħila tal-linji ta' l-ajru li jżommu ma' l-iskeda tagħhom, l-aktar f'ajruporti tal-qalba, u dan għalhekk jissarraf f'industrija Ewropea tat-trasport bl-ajru inqas effiċjenti. Il-konġestjoni sejra wkoll tissarraf fi **spejjeż ambjentali u ta' sikurezza,** minħabba li d-densità u l-kumplessità ta' l-operazzjonijiet se tilħaq livell bla preċedent.

> Il-kriżi tal-kapaċità fl-ajruporti hija theddida għas-sikurezza, l-effiċjenza u l-kompetittività ta' kull min huwa involut fil-katina tal-provvista tat-trasport bl-ajru.

---

2 Unità ta' xogħol hija jew passiġġier jew 0.1 tunnellata ta' merkanzija.

3 Airports Council International u York Aviation, "The social and economic impact of airports in Europe", 2004.

4 Studju Konġunt ta' l-ECAC u l-Eurocontrol dwar il-Kapaċità ta' l-Ajruporti Challenges to Growth, 14 December 2004, ippubblikat fuq il-paġni web tal-Eurocontrol fl-indirizz: http://www.eurocontrol.int/eatm/gallery/content/public/library/CTG04_report.pdf

## 2. VIŻJONI STRATEĠIKA SABIEX TIĠI AFFRONTATA L-KRIŻI TAL-KAPAĊITÀ

(9) M'hemm **l-ebda soluzzjoni mirakoluża** għal kwistjoni kumplessa bħal din. Lil hinn mill-bosta protagonisti fil-qasam u n-natura teknika għall-aħħar ta' l-operazzjonijiet, l-ippjanar fis-settur ta' l-ajruporti wkoll huwa sfida:

- Infrastruttura ġdida tieħu madwar 5 sa 10 snin biex titlesta
- Huma meħtieġa bejn sena u 5 snin sabiex jiġi ppjanat u ottimizzat l-użu ta' *runways* eżisteni, inkluż l-ispazju ta' l-ajru madwarhom.

(10) Bejn nofs Settembru ta' l-2005 u kmieni fl-2006, il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati sabiex issib soluzzjonijiet possibbli biex tindirizza n-nuqqas fil-kapaċità ta' l-ajruporti. Kienu kollha kontributi siewja it-tweġibiet mill-aġenziji tal-gvern, il-linji ta' l-ajru, l-operaturi ta' l-ajrupoti, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni ta' l-ajru, l-esperti, ċittadini privati u għaqdiet ambjentali.[5] Sejba ewlenija tal-konsultazzjoni kienet li kien hemm **qbil wiesa' dwar l-eżistenza tal-problema u l-bżonn li jinstabu soluzzjonijiet immexxija mis-suq u ambjentalment sostenibbli.** Bosta kontributuri saħqu dwar il-ħtieġa għall-kollaborazzjoni u qsim ta' informazzjoni aħjar bejn kull min hu involut fil-katina operattiva ta' l-ajruporti.

(11) Diskussjonijiet dwar il-kwistjoni tal-kapaċità seħħew waqt il-laqgħat ta' livell għoli tad-Diretturi Ġenerali ta' l-Avjazzjoni Ċivili taħt il-Presidenza tar-Renju Unit fl-2005 u f'Salzburg taħt il-Presidenza Awstrijaka f'Mejju 2006.

(12) Bħala riżultat ta' din il-konsultazzjoni, hawn elenkat għadd ta' **azzjonijiet**:

- Il-bżonn ta' użu aktar effiċjenti ta' ***runways* eżistenti** u appoġġ għal infrastruttura ġdida
- Jeħtieġ li jinstab bilanċ xieraq bejn soluzzjonijiet immexxija mis-suq (mekkaniżmi tas-suq għall-allokazzjoni ta' l-islots) u miżuri regolatorji (l-Ajru Uniku Ewropew u s-superviżjoni tas-sikurezza ta' l-ajruporti);
- Il-Komunità Ewropea tista' wkoll tappoġġa s-settur ta' l-ajruporti bis-saħħa ta' l-istrumenti **finanzjarji** tagħha: TEN-T, programmi tal-Politika Ewropew ta' Koeżjoni permezz tal-Fondi Ewropej ta' Żvilupp Reġjonali u Koeżjoni (skond il-Linji ta' Gwida Strateġiċi għall-Koeżjoni u l-prijoritajiet iddefiniti f'kull programm), jew permezz ta' inizjattivi bħal SESAR (*Single European Sky ATM Research*);
- Sabiex tiġi promossa **s-sikurezza**, huma meħtieġa b'mod partikolari regoli Komunitarji dwar is-sikurezza ta' l-ajrudromi, li jinkludu mhux biss l-infrastruttura, iżda wkoll l-operazzjonijiet u l-ġestjoni;
- **Is-sikurezza** ta' l-avjazzjoni għandha tkun fattur ewlieni li għandu jitqies f'każ ta' żieda fil-kapaċità ta' l-ajruporti;

---

5 Id-dokument ta' konsultazzjoni u r-reazzjonijiet jistgħu jinstabu (bl-Ingliż) fuq: http://europa.eu.int/comm/transport/air/consultation/2005_11_30_en.htm

- **L-ajruporti reġjonali** huma importanti għall-iżvilupp ta' netwerk Ewropew integrat tat-trasport bl-ajru. F'dan ir-rigward, ikun xieraq li tinħeles il-kapaċità rieqda li teżisti fl-ajruporti reġjonali, dejjem sakemm l-Istati Membri jirrspettaw l-istrumenti ġuridiċi Komunitarji marbuta ma' l-għajnuniet mill-Istat[6]. Is-Sistemi Globali għan-Navigazzjoni bis-Satelliti jistgħu jkollhom rwol sinifikanti għaż-żieda fil-kapaċità u l-flessibbiltà ta' l-operazzjonijiet f'dawk l-ajruporti mingħajr ma tikber l-ispiża għall-infrastruttura lokali. L-Istati Membri għandhom jistinkaw biex itejbu l-**aċċessibbiltà** ta' ajruporti bħal dawn permezz tal-ferrovija u t-triq sabiex ikun jistgħu jagħmluha ta' ajruporti li jtaffu l-piż ta' l-ajruporti ewlenin.

B'dawn l-elementi, il-Kummissjoni se tiżviluppa ħames azzjonijiet ewlenin:

- Użu aħjar tal-kapaċità eżistenti ta' l-ajruporti;
- Approċċ konsistenti għall-operazzjonijiet tas-sikurezza ta' l-ajru fl-ajrudromi;
- Il-promozzjoni ta’ l-integrazzjoni u l-kollaborazzjoni tal-modi ta' transport (*co-modality*);
- It-tijib tal-kapaċità ambjentali ta' l-ajruporti u l-qafas ta' l-ippjanar għal infrastruttura ġdida ta' l-ajrupoti;
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi ta' nfiq effettiv.

| |
|---|
| Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ikkonfermat il-ħtieġa urġenti għall-azzjoni kkoordinata. Dan id-dokument jipproponi lista ta' azzjonijiet konkreti li jistgħu jittieħdu l-aħjar fuq il-livell ta' l-UE. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tissorvelja l-progress li jkun sar billi twaqqaf osservatorju. |

## 3. UŻU AĦJAR TAL-KAPAĊITÀ EŻISTENTI TA' L-AJRUPORTI

### 3.1. Valutazzjoni tal-kapaċità u metodoloġiji ta' ppjanar għaż-żmien mezzan

(13) Il-valutazzjoni tal-kapaċità trid tissejjes fuq **inventarju** preċiż tal-flussi eżistenti u ppjanati ta' l-ajruporti. Bħalissa, inventarju ta' dan it-tip dwar l-Ewropea ma jeżistix. Barra minn hekk, l-ajruporti qed jużaw metodi u tassonomiji differenti sabiex jivvalutaw il-kapaċità tagħhom. Dan joħloq diffilkultà meta wieħed jiġi biex iqabbel u biex jistabilixxi normi ta’ referenza.

Eurocontrol, l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru, tappoġġa l-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' l-Ajru Uniku Ewropew billi twettaq sensiela ta' attivitajiet tekniċi sabiex tħejji abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni li jistgħu jintużaw bħala bażi għal proposta tal-Kummissjoni biex tiġi adottata skond il-proċedura tal-komitoloġija.

6 L-Artikoli 87-89 tat-Trattati tal-KE u l-linji ta’ gwida tal-Komunità dwar l-iffinanzjar ta' l-ajruporti u l-għajnuna għall-bidu lil-linji ta' l-ajru li jitilqu minn ajruporti reġjonali – ĠU C 312 tad-9.12.2005

Il-Kummissjoni tipproponi li tuża dawn l-arranġamenti ta' ħidma sabiex tiżviluppa regola ta' implimentazzjoni dwar definizzjonijiet komuni u għodod analitiċi komuni għall-valutazzjoni tal-kapaċità ta' l-ajrudromi kif ukoll proċeduri għall-involviment ta' l-operaturi ta' l-ajruporti fl-ippjanar għaż-żmien mezzan.

(14) Il-Eurocontrol żviluppat proċess sistematiku u li jaħdem sew għall-ippjanar tal-kapaċità tal-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru fuq livell Ewropew. Il-Kummissjoni tipproponi li testendi dan l-eżerċizzju lill-ippjanar tal-kapaċità ta' l-ajruporti, li kieku jgħin lis-settur ikollu idea globali dwar il-kwistjonijiet tal-kapaċità ta' l-ajruporti fl-Ewropa. Il-Kummissjoni se tistieden lill-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti u l-partijiet ikkonċernati jiffurmaw osservatorju dwar il-kapaċità ta' l-ajruporti li se **jissorvelja** dan il-proċess ta' ppjanar. L-ossrevatorju, li jista' jibda jaħdem fl-2007, jista' jkun forum għall-iskambju u l-monitoraġġ ta' data u informazzjoni dwar il-kapaċità ta' l-ajruporti sabiex jiġi stabbilit punt ewlieni ta' osservazzjoni panewropew dwar din il-kwistjoni importanti.

| |
|---|
| Il-Kummissjoni se toħroġ mandat għall-Eurocontrol biex tiżviluppa għodod armonizzati għall-valutazzjoni tal-kapaċità ta' l-ajruporti.<br><br>L-osservatorju dwar l-ippjanar għaż-żmien mezzan tal-kapaċità ta' l-ajruporti taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni se juża l-inventarju għall-valutazzjoni tal-kapaċità madwar l-UE biex itejjeb l-għarfien u l-informazzjoni dwar il-ħtiġijiet reġġjonali tal-kapaċità u se jippreżenta rapport annwali dwar dan. |

### 3.2. *Slots* ta' l-ajruporti u pjanijiet tat-titjir:

(15) Fl-Ewropa, l-operaturi ta' l-ajruplani huma obblgati jippreżentaw pjan tat-titjir mill-inqas siegħa qabel ma titlaq it-titjira. Malli jressqu dan il-pjan, jingħataw *slot* ta' l-ATFM (*Air Traffic Flow Management*), li jikkorrispondi għall-ħin li fih l-ajruplan jista' jitlaq mingħajr ma jikkaġuna t-taqlib fis-sistema tal-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru. *Slots* ta' l-ATFM is-soltu jingħataw meta jkun hemm nuqqas ta' kapaċità intrinsika, fiċ-ċentri tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru jew l-ajruporti[7], jew meta jkun hemm problema mhux mistennija li taffettwa l-kapaċità (ċpar, tempesti, ħsarat fis-sistemi tekniċi, eċċ.).

Fil-prattika, il-verifikazzjoni tal-pjanijiet tat-titjir mas-*slots* ta' l-ajruporti ma sseħħx b'mod sistematiku, u dan iwassal għal xkiel fl-użu ottimatli tas-*slots*. Effett kollaterali huwa li l-ajruplani jokkupaw aktar milli meħtieġ il-kapaċità tat-*taxi* u r-*runway*, u b'hekk dan ikollu effett avvers fuq l-ambjent.

Fl-2005, il-Eurocontrol irċeviet mandat biex tiżviluppa kooperazzjoni mill-qrib mar-regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-AFTM[8]. L-abbozz tar-regola ta' implimentazzjoni mistennni jiġi ppreżentat lill-kumitat tal-komitoloġija ta' l-Ajru Uniku Ewropew fil-bidu ta' l-2007.

---

[7] 50% tad-dewmien fit-tluq ATFM huwa minħabba l-ajruporti.

[8] L-Artikolu 9 tar-Regolament ta' l-Ispazju ta' l-Arja:Regolament (KE) Nru 551/2004, 31.3.2004.

(16) Jekk ikun meħtieġ, l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar is-*slots*[9] jista' jiġi mmodifikat b'tali mod li l-awtoritajiet kompetneti tal-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru jkunu obbligati jirrifjutaw plan tat-titjir ta' operatur ta' ajruplan kull meta trasportatur ta' l-ajru ma jkollux is-*slots* meħtieġa ta' l-ajruport.

(17) Skond ir-Regolament ta' qafas dwar l-Ajru Uniku Ewropew[10], il-Eurocontrol intalbet ukoll tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' rapport lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew, sa l-20 ta' April 2007, dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew.

| |
|---|
| B'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, il-mandat mogħti lill-Eurocontrol dwar il-miżuri ta' l-ATFM sejjer jipproponi soluzzjonijiet biex jiżgura l-konsistenza bejn is-*slots* fl-ajruporti u l-pjanijiet tat-titjir, bl-emendi meħtieġa tal-leġiżlazzjoni rilevanti. L-abbozz tar-regola ta' implimentazzjoni mistennni jiġi ppreżentat lill-kumitat tal-komitoloġija ta' l-Ajru Uniku Ewropew fil-bidu ta' l-2007. Il-Kummissjoni sejra tqis ukoll ir-riżultati u l-impatt potenzjali ta' l-implimentazzjoni fl-2007 tar-rapport ta' l-Ajru Uniku Ewropew dwar l-operazzjonijiet ta' l-ajruporti. |

## 3.3. It-tkattir tal-prevedibbiltà u t-tnaqqis tad-dewmien fl-ajruporti permezz tat-Teħid Kollaborattiv ta' Deċiżjonijiet (CDM):

(18) Il-prevedibbiltà hija ta' importanza kbira għal-linji ta' l-ajru u għall-ajruporti fil-ġestjoni ta' l-operat tagħhom. Pereżempju, il-linji ta' l-ajru jdaħħlu fl-iskeda tagħhom "bafer" li jippermetti li dewmien mhux mistenni fil-wasla jew it-tluq tat-titjiriet jiġi assorbit. It-tnaqqis ta' dan il-bafer b'ħames minuti ikun ifisser madwar EUR 1 000 miljun f'użu aħjar tar-riżorsi tal-linji ta' l-ajru u l-ajruporti.

(19) Barra minn hekk, "il-linji ta' l-ajru, l-ajruporti, il-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru u l-komunità ta' l-ATFM jeħtiġilhom jibdlu minn 'perspettiva insulari' lejn attenzjoni aktar ġenerali fuq il-prestazzjoni globali tat-trasport bl-ajru"[11]. Kapaċitajiet imtejba għat-teħid tad-deċiżjonijiet permezz tal-qsim ta' l-informazzjoni bejn l-ajruporti sieħba kollha jġibu magħhom bosta benefiċċji kwantitattivi u kwalitattivi għall-operat ta' ajruporti mhux biss individwali, iżda, aktar importanti minn hekk, għax-xibka kollha ta' l-ajruporti. F'forma istituzzjonalizzata, dan il-proċess inklussiv tal-qsim ta' l-informazzjoni jissejjaħ it-Teħid Kollaborattiv ta' Deċiżjonijiet (CDM). It-teħid kollaborattiv ta' deċiżjonijiet fl-ajruporti jnaqqas id-dewmien ikkaġunat minn dewmien ieħor fuq il-livell tax-xibka ta' ajruporti, u jtejjeb l-irkupru minn eventwalitajiet ta' temp ħażin jew disturbi oħra, li jwasslu għall-ħela tal-kapaċità ta' l-ajruporti.

(20) Il-Kummissjoni tal-fehma li t-teħid kollaborattiv ta' deċiżjonijiet fl-ajruporti, jekk fih jieħdu sehem massa kritika ta' sħab, jista' jkollu benefiċċji sostanzjali għall-operat ta' xibka ta' ajruporti bħala unità. Jidhrilha wkoll li effiċjenzi operattivi akbar ukoll iħallu l-frott tal-ksib ta' benefiċċji ambjentali pożittivi.

---

9 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' *slots* f'ajruporti tal-Komunità, kif emendat mir-Regolament (KE) 793/2004 tal-21 ta' April 2004.

10 L-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) 549/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien ta' l-Ajru Uniku Ewropew.

11 Rapport dwar il-Moventi tal-Puntwalità f'Ajruporti Kbar Ewropej, paġna 48, imħejji mill-Unitċa għar-Reviżjoni tal-Prestazzjonijiet – Mejju 2005.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Eurocontrol tingħata mandat biex tiżviluppa r-regoli ta' l-implimentazzjoni għall-introduzzjoni fl-ajruporti Ewropej, fl-2008, ta' CDM fl-Ajruporti.

## 4. Approċċ konsistenti għall-operazzjonijiet tas-sikurezza ta' l-ajru fl-ajruporti

### 4.1. Twessigħ tar-responsabbiltajiet ta' l-EASA għar-regoli dwar is-sikurezza ta' l-ajrudromi

(21) L-użu intensiv ta' l-ajrudromi u volumi ogħla tat-traffiku jirrikjedu livelli mtejba ta' sikurezza. L-ajrudromi sallum kienu l-ħolqa l-anqas rregolata fil-katina ta' l-avjazzjoni. Sforzi volontarji mill-grupp ta' regolaturi tas-sikurezza ta' l-ajrudromi (GASR)[12] ipproduċew riżultati notevoli. Madankollu, jeħtieġ li jkun hemm regoli obbligatorji komuni sabiex iċ-ċittadini Ewropej jingħataw livelli uniformi ta' sikurezza fl-avjazzjoni, kif iħeġġu r-rekwiżiti l-ġodda ta' l-ICAO dwar is-sikurezza ta' l-ajrudromi. Barra minn hekk, minħabba li l-Istati Membri ma jimplimentawx id-dispożizzjonijiet ta' l-ICAO uniformement, mhemmx kundizzjonjiet ekwi bejn l-operaturi ta' l-ajruporti[13], u dan lill-kumpaniji li joperaw ajrudromi fi Stati Membri differenti jġegħilhom japplikaw sett inkompatibbli ta' Regolamenti tas-sikurezza, nazzjonali jew saħansitra lokali.

(22) Kif tħabbar, il-Kummissjoni għalhekk sejra tadotta proposta leġiżlattiva biex ir-rwol ta' l-EASA jiġi estiż għas-sikurezza fl-ajrudromi[14]. Valutazzjoni preliminari ta' l-impatt għal "EASA estiża" saret fl-2005. Matul l-2006, l-EASA nnifisha sejra tiżviluppa l-opinjoni tagħha dwar dan, wara li dettaljatament ikkonsultat mal-partijiet interessati permezz tal-proċedura ta' l-"Avviż ta' Emenda Proposta" (NPA).

Hemm ippjanat li l-Kummissjoni tadotta proposta leġiżlattiva dwar dan kmieni fl-2008.

---

12 Il-GASR twaqqaf fl-1996, u llum jinkludi 27 Stat Ewropew.

13 L-Anness 14, il-Kapitlu 1, is-Sezzjoni 1.3 u l-Manwal dwar iċ-Ċerifikazzjoni ta' l-Ajrudromi (Doc 9774 ta' Ottubru 2001).

14 Komunikazzjoni dwar l-estensjoni tal-kompiti ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni: Aġenda għall-2010, KUMM(2005) 578, 15.11.2005.

### 4.2. L-isfruttament ta' Sistemi Globali għan-Navigazzjoni bis-Satelliti (GNSS) għal sikurezza mtejba fl-ajruporti

(23) L-UE ilha tinvesti fl-iżvilupp tan-navigazzjoni bbażata fuq is-satelliti. Minkejja r-rakkomandazzjonijiet ta' l-ICAO u d-disponibbiltà ta' sistemi elettroniċi ta' l-avjazzjoni ċċertifikati li jinġarru fuq l-inġenji ta' l-ajru, dawk is-sistemi mhumiex sfruttati fil-wisa' llum. Minn perspettiva tas-sikurezza, il-GNSS jistgħu joffru sors addizzjonali ta' informazzjoni pożizzjonali. Il-GNSS jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' okkorrenzi ta' "Titjir Ikkontrollat għal ġo l-Art", li għadu sallum il-kawża l-aktar sinifikanti ta' l-inċidenti fatali, speċjalment għall-inġenji ta' l-ajru l-anqas sofistikati. Il-GNSS jistgħu wkoll jippermettu flessibbiltà akbar fid-disinn tar-rotot ta' l-approċċ u t-tluq, biex l-ostakli jiġu evitati, jitnaqqas l-impatt ta' l-istorbju jew biex jippermettu l-operat sikur ta' ajruporti u *runways* anqas imbiegħda minn xulxin.

| |
|---|
| Il-Kummissjoni sejra tippermetti ċ-ċertifikazzjoni tas-sinjal EGNOS/Galileo fl-ispazju, filwaqt li tinkludi l-isfruttament tal-GNSS fil-Pjan Ewropew għar-Radjunavigazzjoni. L-inklużjoni komprensiva tal-GNSS fil-proċessi operattivi ta' l-ATM mistenni li tirriżulta mill-programm SESAR, li sejjer jipprovdi benefiċċji għax-xibka "*gate to gate*". |

## 5. IL-PROMOZZJONI TA' L-INTEGRAZZJONI BEJN MODI DIFFERENTI TAT-TRASPORT

### 5.1. It-titjib ta' l-aċċess għall-ajruporti u l-integrazzjoni bejn modi differenti tat-trasport

(24) It-trasport bl-ajru u bil-ferrovija għandu jsir aktar komplementari. Hemm talanqas tliet kollegamenti bejn l-ajru u l-ferroviji, li kull wieħed minnhom għandu benefiċċji speċifiċi għas-soċjetà kollha kemm hi, u jkollu impatt pożittiv fuq l-ambjent:

- Kollegamenti ma' l-ibliet, bil-benefiċċji lit-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku fit-toroq u kwalità aħjar ta' l-ajru madwar l-ajruporti;
- Kollegamenti mar-reġjuni, bl-istess benefiċċji bħal dawk imsemija hawn fuq, flimkien mal-benefiċċju addizzjonali tat-twessigħ taż-żona moqdija mill-ajruport;
- Kollegament bejn l-ajruport u ż-żoni metropolitani kbar permezz tal-Ferroviji ta' Veloċità Għolja, bl-istess benefiċċji bħal dawk imsemmija hawn fuq, flimkien ma' potenzjal għas-*slots* għal titjiriet qosra jinħelsu favur titjiriet fil-bogħod, li għall-ajruporti u l-linji ta' l-ajru jirrappreżentawlhom produttività akbar ta' l-islots.

Il-ferroviji konvenzjonali jistgħu jkollhom rwol importanti, u l-iżvilupp tagħhom biex jgħaqqdu ma' xulxin l-ajruporti sekondarji u reġjonali għandu jiġi nkoraġġit permezz ta' finanzjament mill-Istati Membri u mill-Komunità.

L-Ajruport ta' Arlanda, Stokkolma, (madwar 17-il miljun passiġġier fis-sena) taħt l-art għandu tliet stazzjonijiet tal-ferrovija. Wieħed huwa għal servizzi tal-ferrovija lejn destinazzjonijiet imbiegħda, filwaqt li t-tnejn l-oħra fiż-żewġ estremitajiet ta' l-ajruport tużahom il-ferrovija veloċi Arlanda Express. L-Arlanda Express tgħaqqad l-ajruport mal-belt 4-6 darbiet fis-siegħa, u l-vjaġġ ta' 45km tkoprih f'20 minuta, b'veloċitajiet li jaslu sa 200 kilometru fis-siegħa. Jekk, għal xi raġuni, il-ferrovija tkun aktar minn żewġ minuti tard, il-passiġġieri jkunu jistgħu jitolbu li jitħallsu lura l-prezz sħiħ tal-biljett tagħhom.

(25) Hemm il-ħtieġa għal infrastrutturi integrati u effiċjenti tat-trasport, u titjib tat-tqassim tal-modi tat-trasport għall-aċċess ta' l-ajruport. Il-Kummissjoni sejra tiddedika aktar attenzjoni u riżorsi għall-promozzjoni u l-finanzjament ta' infrastrutturi li jintegraw modi differenti tat-trasport. Proġetti bħal dawn jistgħu jiġu promossi permezz tal-Politika Ewropea tal-Koeżjoni, u jkomplu jkunu eliġibbli għall-finanzjament taħt il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Koeżjoni.

Il-finanzjament mit-TEN-T u mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Koeżjoni għal proġetti ta' trasport integrat għadu disponibbli għall-perjodu 2007-2013. Il-Kummissjoni tistieden ukoll lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' konnessjonijiet ta' skambju bejn modi differenti ta' trasport fl-ajruporti (ferroviji lejn l-ajruporti u stazzjonijiet tal-ferrovija fi'dawn ta' l-aħħar), li jġibu 'l quddiem l-effiċjenza tat-trasport sew bil-ferrovija kif ukoll bl-ajru.

## 5.2. L-intermodalità bejn l-ajru u l-ferrovija

(26) Il-mottivi ewlenin li jmexxu l-passiġġieri huma u jagħżlu mod ta' trasport huma relattivament stabbli, u importanti b'konsistenza fl-Ewropa kollha kemm hi. Il-passiġġieri jagħżlu l-ferrovija meta l-ħinijiet, in-nol, il-frekwenza, l-aċċess, eċċ. joffrulhom vantaġġ, u jagħżlu l-ajru meta joffrilhom vantaġġ dan ta' l-aħħar. L-iżvilupp intermodali għaldaqstant għandu jfittex li jappoġġa u jaħdem flimkien ma' l-għażliet tas-suq li jagħmlu l-konsumaturi. Fatturi bħall-informazzjoni, il-ħruġ tal-biljetti, il-lingwi, l-integrazzjoni tas-servizzi u kwistjonijiet oħra għandhom rwol f'li jkomplu jtejbu s-servizz kemm jista' jkun.

Ir-raġuni ewlenija għat-tħeġġiġ tal-ferrovija bħala komplement għat-trasport bl-ajru għandha tikkonċentra fuq li l-prodott ferrovjarju jsir aktar attraenti. Dan jinkoraġġixxi lill-passiġġieri jippruvaw l-għażla tal-ferrovija sew għal vjaġġi minn punt għall-iħeor, kif ukoll għal vjaġġi ta' trasferiment. Minħabba żieda fid-domanda, ħafna mill-kwistjonijiet sekondarji sejrin jiġu solvuti permezz ta' aktar kooperazzjoni mill-operaturi u r-reazzjonijiet tal-pubbliku. L-intermodalità bejn il-ferrovija u l-ajru ma tistax titqies bħala mezz primarju biex titnaqqas il-konġestjoni ta' l-ajruporti, għax l-effett tat-tnaqqis tal-konġestjoni ġeneralment ikun ekwivalenti għal sentejn ta' żieda fit-traffiku ta' l-ajru. Madankollu, hija ta' siwi biex tintlaħaq effiċjenza akbar fis-sistema tat-trasport, u ta' l-ajruporti b'mod partikolari. Barra minn hekk, il-piż ambjentali fuq l-ajruporti sejjer jitnaqqas. Konklużjoni waħda tal-Forum dwar il-Faċilitazzjoni ta' l-Intermodalità bejn il-Ferrovija u l-Ajru, li sar bejn Settembru 2003 u Ġunju 2004, kienet li n-nuqqas ta' biljetti integrati ferrovija/ajru tqies bħala ostaklu għall-iżvilupp ulterjuri ta' l-intermodalità bejn il-Ferrovija u l-Ajru, f'dak li jirrigwarda s-servizzi u l-interess tal-passiġġieri.

Il-Kummissjoni biħsiebha tinkoraġġixxi l-biljetti integrati ferrovija/ajru, u sejra tippubblika dokument ta' konsultazzjoni dwar din il-kwistjoni fl-ewwel parti ta' l-2007.

## 6. L-INFRASTRUTTURI L-ĠODDA TA' L-AJRUPORTI JEĦTIEĠU KUNSIDERAZZJONI ATTENTA

### 6.1. It-titjib tal-kapaċità ambjentali ta' l-ajruporti (l-istorbju)

(27) Is-sensitività għall-istorbju ta' l-inġenji ta' l-ajru hija fattur ta' limitu kbir fl-iżvilupp ta' l-ajruporti. It-twarrib gradwali totali, mill-1 ta' April 2002 'il quddiem, ta' l-eqdem inġenji ta' l-ajru (li huma l-aktar storbjużi, l-hekk imsejħa inġenji ta' l-ajru tal-Kapitolu 2) kien qabża 'l quddiem għat-titjib tal-klima tal-ħoss madwar l-ajruporti. Madankollu, fid-dawl tat-tkabbir li mistenni jkun hemm fl-attivitajiet ta' l-ajru, dan it-titjib dalwaqt jista' jitnaqqar. Id-Direttiva 2002/30/KE dwar restrizzjonijiet tal-ħoss tagħmilha possibbli li jitwarrbu gradwalment l-inġenji ta' l-ajru tal-"Kapitlu 3" li l-aktar jagħmlu storbju, suġġett għal għadd ta' kundizzjonjiet li jimmiraw lejn l-implimentazzjoni ta' l-hekk imsejjaħ "approċċ ibbilanċjat".

- L-Approċċ Ibbilanċjat għall-Istorbju, maqbul fl-Assemblea ta' l-ICAO ta' l-2001, lill-Istati Kontraenti ta' l-ICAO jipprovdilhom approċċ internazzjonali biex jindirizzaw il-problemi ta' l-istorbju ta' l-inġenji ta' l-ajru f'ajruporti individwali, b'mod li fl-istess waqt huwa ambjentalment sensittiv u ekonomikament responsabbli. Jiġbor fih erba' elementi ewlenin:
  - It-tnaqqis tal-ħoss f'ras il-għajn;
  - L-ippjanar u l-ġestjoni ta' l-użu ta' l-artijiet;
  - Proċeduri operattivi għat-trażżin ta' l-istorbju;
  - Restrizzjonijiet operattivi ta' l-istorbju għall-inġenji ta' l-ajru.
- Ir-restrizzjonijiet operattivi ta' l-istorbju għall-inġenji ta' l-ajru ma għandhomx jiġu applikati bħala l-ewwel mezz, imma biss wara li jitqiesu l-benefiċċji li jistgħu jinkisbu minn elementi oħra. L-Approċċ Ibbilanċjat jipprovdi qafas għall-valutazzjoni, il-konsultazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet, li jagħti kas il-fehmiet tal-partijiet interessati kollha.
- Il-prinċipji ta' l-Approċċ Ibbilanċjat għall-Istorbju ġew inkorporati fil-leġiżlazzjoni Komunitarja[15].

Fl-2006 ġie varat studju biex jeżamina l-implimentazzjoni tad-Direttiva, u biex janalizza t-tibdiliet li kienu saru rigward il-livelli ta' l-istorbju fl-ajruporti tal-Komunità mid-dħul fis-seħħ tagħha.

---

15 Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/30/KE dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet ta' operat relatati mal-ħoss f'ajruporti tal-Komunità (ĠU L 85, 28.3.2002, p. 40.

Huma u jikkunsidraw l-Approċċ Ibbilanċjat għall-Istorbju, l-Istati Membri għandhom jagħtu l-attenzjoni dovuta lid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Ħsejjes Ambjentali (2002/49/KE), li sejra tiġi riveduta fl-2009.

| |
|---|
| Fl-2007, tħejja rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva, u l-Kummissjoni sejra tiddeċiedi jekk jeħtieġx li titressaq proposta għal emenda tad-Direttiva. |

### 6.2. It-titjib tal-qafas ta' l-ippjanar għal infrastrutturi ġodda ta' l-ajruporti:

(28) Għad hemm bosta titjib xi jsir fl-ippjanar u l-ġestjoni ta' l-użu ta' l-artijiet fl-UE:

- hemm biss minoranza mill-Istati Membri li lill-awtoritajiet u lill-pubbliku jipprovdulhom pjanijiet ta' l-ajruporti, li jkun fihom tagħrif dwar projezzjonijiet fit-tul dwar l-infrastruttura ta' l-ajruport, inklużi ż-żoni milquta mil-limitazzjonijiet ta' l-ostakli u livelli għolja ta' storbju;
- nofs biss ta' l-Istati Membri jintegraw it-tagħrif kollu dwar l-ajruporti u l-impatt ta' l-operat tagħhom fuq iż-żona tal-madwar;
- il-pubblikazzjoni, bħala prattika standard, ta' pjanijiet fit-tul sew tal-pjanijiet dwar l-ajruporti kif ukoll dwar l-użu ta' l-artijiet ittejjeb l-aċċessibbiltà u l-kwalità ta' l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, u tgħin biex tiżgura li l-pubbliku jkun mgħarraf tajjeb.

(29) Politiki tajba dwar l-użu ta' l-artijiet jeħtiġilhom jitqiesu fil-kuntest ta' **approċċ ibilanċjat** għall-istorbju u l-possibbiltajiet offruti mill-GNSS. L-arranġamenti eżistenti għandhom jiġu riveduti bil-għan li jiġi żgurat li lill-awtoritajiet kompetenti jaslulhom pjanijiet fit-tul dwar l-ajruporti, u li informazzjoni ta' dan it-tip tkun adegwatement ikkoordinata ma' l-ippjanar dwar l-użu ta' l-artijiet.

(30) Bil-għan li tinġieb 'il quddiem sistema effiċjenti tat-trasport ta' l-ajru, fil-koordinament u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet komprensivi tal-kapaċità reġjonali jew dik tan-netwerk, għandu jitqies it-tagħrif li jinkiseb mill-kalkolu tal-kapaċitajiet kif ukoll mill-ippjanar ta' l-użu ta' l-artijiet.

(31) Simplifikazzjoni u aċċellerazzjoni tal-proċeduri ta' l-ippjanar jirrikjedu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-koordinament bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, partikolarment f'dak li jirrigwarda proġetti ta' interess Ewropew komuni. Filwaqt li jinżammu l-istandards rilevanti u l-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti, inklużi l-Linji ta' Gwida dwar il-Valutazzjoni ta' l-Impatti Ambjentali u l-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali, il-mira għandha tkun għal perjodu ta' ħames snin għall-ippjanar, l-approvazzjoni u l-bini.

| |
|---|
| Il-Kummissjoni, flimkien ma' esperti mill-Istati Membri u l-partijiet interessati, sejra taħdem biex tissimplifika l-proċeduri, u biex tiżviluppa rakkomandazzjoni dwar **linji ta' gwida dwar l-aħjar prattiki** biex iġġib 'il quddiem il-koordinament imtejjeb ta' pjanijiet għall-ajruporti u l-pjanijiet usa' għall-użu ta' l-artijiet. |

## 7. L-IŻVILUPP U L-IMPLIMENTAZZJONI TA' TEKNOLOĠIJI ĠODDA

(32) Permezz tal-Programmi ta' Qafas għar-Riċerka tagħha, il-Kummissjoni ffinanzjat għadd ta' proġetti li jittrattaw Sistemi Avvanzati tal-Gwida u l-Kontroll tal-Moviment fil-Wiċċ (*Advanced-Surface Movement Guidance and Control Systems,* A-SMGCS). Dawn it-teknoloġiji issa waslu għal livell suffiċjenti ta' maturità. Barra minn hekk, il-programm kiseb rikonoxximent u armonizzazzjoni dinjija permezz ta' l-ICAO.

(33) B'mod partikolari, il-parti tal-kunċett A-SMGCS li tirrigwarda s-sorveljanza u l-kontroll tista' tkun effikaċi ħafna fil-kundizzjonijiet kollha tat-temp biex tiżgura l-ogħla livell ta' sikurezza filwaqt li tiflaħ għal żieda kontinwa fil-għadd ta' movimenti ta' l-inġenji ta' l-ajru.

> Is-Sistemi Avvanzati tal-Gwida u l-Kontroll tal-Moviment fil-Wiċċ (*Advanced-Surface Movement Guidance and Control Systems,* A-SMGCS) huwa mezz li jipprovdi r-rotot, il-gwida u s-sorveljanza għall-kontroll ta' l-inġenji ta' l-ajru u tal-vetturi biex iżomm ir-rata ddikjarata ta' moviment fil-wiċċ fil-kundizzjonijiet kollha tat-temp fi ħdan il-livell operattiv tal-viżibbiltà fl-ajrudrom, filwat li jżomm il-livell ta' sikurezza meħtieġ.
>
> Il-funzjonijiet tas-sorveljanza u l-kontroll ġew ittestjati u sfruttati tant li r-rekwiżiti dwar il-prestazzjoni huma maturi u jistgħu jintużaw bħala linji ta' gwida għall-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ funzjonijiet ta' sistema A-SMGCS.

(34) Il-programmm SESAR sejjer jiżviluppa teknoloġiji ġodda li għandhom l-għan li jkomplu jqawwu s-sikurezza u l-effiċjenza ta' l-operazzjonijiet ta' l-ajruporti. B'mod partikolari:

– Tagħmir ġdid għat-tbassir u l-individwar ta' vortiċi fit-taqlib ta' l-arja tat-tranja sejjer jippermetti li l-bogħod minimu bejn ajruplan u ieħot jitqassar bla periklu;

– *Sensors* ġodda sejrin jippermettu operazzjonijiet remoti tat-torri tal-kontroll;

– Ġenerazzjonijiet ġodda ta' għodod għall-ġestjoni ta' l-ajru fl-ajruporti sejrin jippermettu l-ottimizzazzjoni tal-movimenti fuq l-art;

(35) L-iżvilupp ta' sistema għall-Ġestjoni ta' l-Informazzjoni Sistemika (*System Wide Information Management*) sejjer jipproduċi CDM li jkopri t-trasport bl-ajru kollu, u mistenni li jkompli jkabbar il-previdibbiltà u l-effiċjenza ta' l-operazzjonijiet ta' l-inġenji ta' l-ajru u ta' l-ajruporti. Din iż-żieda fl-effiċjenza operattiva sejra tirriżulta wkoll fil-ksib ta' benefiċċji ambjentali.

(36) Teknoloġiji bħalma huma l-apparati għall-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (*Radio Frequency Identification Devices*, RFID) li jgħollu l-effiċjenza loġistika interna ta' l-ajruporti wkoll jistgħu jagħtu kontribut biex tingħeleb il-konġestjoni. Fl-ajruporti li jbatu mill-konġestjoni, kwalunkwe dewmien fit-tluq jista' jkollu konsegwenzi serji fuq il-pjanifikazzjoni tas-*slots* u t-titjiriet.

Teknoloġiji ġodda bħat-tikkettar bir-radju (*Radio Tags*) tal-karti ta' l-imbarkar u l-bagalji jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-10% tad-dewmien tat-titjiriet li jkunu kkaġunati minn passiġġieri li ma jiġux għall-imbarkar[16]. Is-sistema tħalli lill-passiġġieri jiġu llokalizzati, jew inkella, jekk dan ikun meħtieġ, li l-bagalji ta' l-istiva tagħhom jiġu identifikati u mneħħija b'aktar effiċjenza.

Madankollu, teknoloġiji bħal dawn ikunu effettivi għal kollox biss jekk, fuq il-livell internazzjonali, jintlaħqu sew standards ta' l-interoperabbiltà fuq ir-*Radio Tags* kif ukoll qafas ġuridiku komuni għall-protezzjoni ta' l-informazzjoni dwar il-passiġġieri[17].

| |
|---|
| Teknoloġiji maturi bħalma huma l-funzjonijiet tas-sorveljanza u l-kontroll A-SMGCS għandhom jiġu implimentati fl-ajruporti Ewropej kollha. Il-programm SESAR sejjer ikompli jiżviluppa għodod u sistemi ġodda li sejrin ikabbru l-kapaċità ta' l-ajruporti b'mod sinifikanti. |

## 8. KONKLUŻJONI

(37) Il-Kummissjoni lesta tilqa' l-isfida tal-"kriżi tal-kapaċità" mistennija. Wara li saru konsultazzjonijiet intensivi, f'dan id-dokument qed jiġi propost pjan ta' azzjoni. Dan il-pjan ta' azzjoni (mogħti fid-dettall fl-Anness) tfassal biex jikseb bilanċ bejn proposti leġiżlattivi, appoġġ finanzjarju u l-promozzjoni ta' pjanifikazzjoni aktar ikkoordinata.

(38) Il-partijiet kollha għandhom jikkollaboraw biex jilqgħu l-isfida ħalli fl-Ewropa jibnu sistema tat-trasport bl-ajru li tkun aktar effiċjenti, sikura u ambjentalment tajba, u li tikkonforma mal-miri ambizzjużi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona.

---

16 Ara pereżempju l-proġett OpTag, finanzjat mill-UE: http://www.optagconsortium.com/presentation1.htm

17 Dawn il-fatturi sejrin jiġu indirizzati fis-segwitu għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Apparati għall-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju: www.rfidconsultation.eu

**ANNESS**

| | |
|---|---|
| Il-Kummissjoni se toħroġ mandat għall-Eurocontrol biex tiżviluppa għodod armonizzati għall-kapaċità ta' l-ajruporti u l-valutazzjoni tal-metodoloġija. | Fl-ewwel parti ta' l-2007 |
| Osservatorju dwar l-ippjanar tal-kapaċità ta' l-ajruporti fiż-żmien mezzan, taħt il-patroċinju tal-Kummissjoni, sejjer itejjeb il-kuxjenza u l-informazzjoni dwar il-ħtiġijiet reġjonali tal-kapaċità permezz ta' rapport annwali. | 2007 |
| Il-mandat mogħti lill-Eurocontrol dwar il-miżuri ta' l-ATFM sejjer jipproponi soluzzjonijiet biex jiżgura l-konsistenza bejn is-*slots* fl-ajruporti u l-pjanijiet tat-titjir, bl-emendi meħtieġa tal-leġiżlazzjoni rilevanti. | L-ewwel kwart ta' l-2007 għar-riżultati tal-mandat – 2008 għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni |
| Proposta leġiżlattiva dwar l-estensjoni ta' l-EASA għall-operazzjonijiet ta' l-ajruporti. | Fl-ewwel parti ta' l-2008 |
| Il-Kummissjoni sejra tippermetti ċ-ċertifikazzjoni tas-sinjal EGNOS/Galileo fl-ispazju u tinkludi l-isfruttament tal-GNSS fil-Pjan Ewropew għar-Radjunavigazzjoni. | Mill-2008 |
| L-inklużjoni komprensiva tal-GNSS fil-proċessi operattivi ta' l-ATM mistenni li tirriżulta mill-programm SESAR. | 2007 |
| Il-finanzjament mit-TEN-T, il-programmi tal-Politika Ewropea ta' Koeżjoni permezz tal-Fondi Ewoprej għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Koeżjoni għall-Iżvilupp Reġjonali u għal proġetti eliġibbli ta' trasport integrat | Mill-2007 'l quddiem |
| Il-Kummissjoni biħsiebha tinkoraġġixxi l-biljetti integrati ferrovija/ajru, u sejra tippubblika dokument ta' konsultazzjoni dwar il-kwistjoni. | Fl-ewwel parti ta' l-2007 |
| It-tħejjija ta' rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħoss, bil-għan li, jekk ikun hemm bżonn, il-leġiżlazzjoni tiġi emendata. | 2007 - 2008 |
| Linji ta' gwida dwar l-aħjar prattiki u s-simplifika ta' proċeduri li għandhom jiġu żviluppati biex iġibu 'l quddiem il-koordinament tal-pjanijiet ta' l-ajruporti. | 2007 |
| Implimentazzjoni bikrija ta' teknoloġiji maturi bħalma huma l-funzjonijiet ta' sorveljanza u kontroll A-SGMCS fl-ajruporti | Mill-2007 'l quddiem |

| | |
|---|---|
| kollha ta' l-Ewropa. | |
| Il-programm SESAR sejjer ikompli jiżviluppa għodod u sistemi ġodda li sejrin ikabbru l-kapaċità ta' l-ajruporti b'mod sinifikanti. | 2007 - 2013 |
| Il-Kummissjoni sejra tqis ukoll ir-riżultati u l-impatt potenzjali ta' l-implimentazzjoni fl-2007 tar-rapport tas-Sema Uniku Ewropew dwar l-operazzjonijiet ta' l-ajruporti. | Minn nofs l-2007 'l quddiem |
| Il-Kummissjoni sejra tagħti mandat lill-Eurocontrol biex tiżviluppa r-regoli ta' l-implimentazzjoni għall-introduzzjoni ta' CDM fl-Ajruporti fl-ajruporti Ewropej. | 2008 |